MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2007

Avviz Numru. 129/2007

**Maltacom p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Muscat General Stores Ltd (C2241)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, disa' mija u tnejn u tletin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm1932.40) rapprezentanti ammont mill-konvenut dovut in konnessjoni ma' servizz telefoniku 21482754 (CN 991680, AC 10145338) skond kif jirrizulta mill-Dok A anness mal-avviz u kopja ta' ftehim anness mal-avviz u markat Dok B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjea konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi Dok 1 u Dok 2 a fol 2 sa fol 6 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fis-16 ta' Lulju 2007 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1932.40 bl-imghax legali mill-14 ta' Mejju 2007 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------